MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Rikors Numru. 718/2007

***Bartolomeo sive Albert Caruana nomine***

***versus***

***Mary Abela et***

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors;

Rat id-digriet taghha precedenti;

Rat ir-risposta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta’ Frar 2005 fl-ismijiet “Edgar Galea nomine -vs- Alfred u Gladys Sant Fournier” fejn intqal illi meta fl-okkju tal-kawza ma

jirriflettix il-kambjamenti li kienu saru fir-rapprezentanza tal-partijiet jew ta' wahda minnhom, "il-konsegwenza ta' dan in-nuqqas hu allura illi s-sentenza 'de qua' li fiha tirrizulta l-mankanza fl-okkju ta' l-indikazzjoni tad-digriet tat-trasfuzzjoni tal-gudizzju kellha titqies li kienet nieqsa minn element sostanzjali li jinficjaha."

Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet "Joseph Busuttil vs Avv.Dr.John Mamo nomine" tat-28 ta' Frar 1997 il-Qorti tal-Appell irriteniet illi, "hi biss il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika opportuna…….una volta dawk il-partijiet ma kienux identifici ghal dawk li agixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-sentenza hi sostanzjalment difettuza u ghandha tigi annullata."

Ghaldaqstant, fuq skorta tal-gurisprudenza nostrana, il-Qorti tilqa' t-talba, bl-ispejjez kontra s-socjeta' Tal-Franciz Developments Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------